**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 13 TA' APRIL 2021**

**DIGRIET FINALI**

**Fl-atti tar-rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni nru 473/2021**

**fl-ismijiet:-**

**Il-Kunsill Lokali Marsa**

**vs.**

**Aġenzija għall-Infrastruttura Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Kunsill Lokali Marsa tad-29 ta' Marzu 2021 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jitlob li l-Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Aġenzija intimata sabiex izommha milli tinstalla jew tkompli tinstalla jew altrimenti topera, jew tippermetti lil terzi joperaw, kwalsijasi bus shelter jew installazzjoni simili jew relatata fil-lokalita' tal-Marsa inter alia fi Triq il-Labour, Marsa.

Rat ir-risposta tal-Aġenzija intimata ppreżentata fis-7 ta' April 2021 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed topponi għal dan ir-rikors.

Rat id-digriet li permezz tiegħu laqghet provvizorjament it-talba għall-ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni u appuntat ir-rikors għas-smiegħ ghat-12 ta' April 2021.

Semgħat lill-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' April 2021 meta r-rikors tħalla għall-digriet kamerali.

Rat l-atti.

Ikkonsidrat;

L-elementi meħtieġa għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huma llum paċifiċi.

**Artikolu 873 tal-Kap.12** jipprovdi illi l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jżomm lil xi ħadd milli jagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat. Fl-istess ħin dan l-artikolu jipprovdi illi l-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

**Eċċezzjoni Preliminari**.

L-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-Aġenzija intimata hi fis-sens li "x-xogħolijiet li r-rikorrenti qed tittentaw iwaqqfu ilhom għaddejjin ix-xhur u jinsabu fl-istadju finali tagħhom."

Ikkonsidrat;

Huwa minu illi mir-ritratti ezebiti jirrizulta li hemm il-qafas tal-bus shelter mertu ta' dawn il-proċeduri; pero' mill-istess ritratti jidher ukoll li baqa' xogħol ieħor xi jsir sabiex tali bus shelter tkun operabbli u utilizzabbli.

Għalhekk, ġialadarba x-xogħol għadu mhux lest, ma hemm l-ebda ostakolu li l-Qorti titratta dan ir-rikors.

Ikkonsidrat;

Il-Kunsill Lokali rikorrent jikkontendi illi bl-azzjoni tagħha l-Aġenzija qed tittenta tużurpa lill-Kunsill Lokali rikorrent mill-funzjoniijiet lilu mogħtija mil-liġi kontra l-prinċipju tas-Saltna tad-Dritt. Qed jitlob għalhekk illi l-Aġenzija intimata tiġi mwaqqfa milli tkompli tużurpa d-drittijiet u l-funzjoniijet li skond ir-rikorrenti huma lilha mogħtija mill-liġi.

Il-Kunsill Lokali rikorrent isejjes it-talba tiegħu fuq il-premessa illi bis-saħħa tal-Kapitolu 363 il-kunsill ġie mogħni bir-responsabbilita' li jwettaq dawk il-funzjonijiet amministrativi ai termini tal-liġi imsemmija fil-lokalita' tal-Marsa. Iqis illi fost dawn il-funzjonijiet lilu delegati mil-liġi hemm dawk relativi għat-twaqqif u sostituzzjoni ta' bus shelters kollha ġodda, u l-manutenzjoni tal-istess ai termini tal-Liġi Sussidjarja 363.79.

Iqis il-kunsill rikorrent illi l-liġi sussidjarja imsemmija tat lill-Kunsilli Lokali s-setgħa sew li twaqqaf u tissostitwixxi il-bus shelters kollha fil-lokalita' kif ukoll il-manutenzjoni tal-istess. Il-Kunsill rikorrent jikkontendi illi għalkemm skond il-liġi sussidjarja imsemmija il-gvern ċentrali għandu wkoll is-setgħa konkorrenti ma' dik

tal-kunsilli lokali li jissostitwixxi bus shelters, tali setgħa ma hiex mogħtija lill-aġenzija intimata.

L-Aġenzija intimata mill-banda l-oħra tikkontendi illi Triq il-Labour, Marsa, fejn tinstab il-bus shelter mertu ta' dawn il-proċeduri, hija klassifikata bħala triq arterjali fil-Pjan Strutturali li jifforma parti mit-Ten-T (Trans-European Transport Network (TEN-T) core network. Tqis l-Aġenzija intimata illi ir-Raba Skeda tal-Kap 363 tal-Liġijiet ta' Malta teskludi lill-kunsilli lokali mir-responsabbilta' dwar "it-toroq arterji u distributorji kif determinat mill-Pjan Strutturali." L-Aġenzija intimata issottomettiet illi l-Kunsill rikorrent m'għandu l-ebda' responsabbilitajiet u/jew drittijiet x'jerżerċita fir-rigward ta' tali triq peress li hi klassifikata bhala triq arterja.

Ikkonsidrat;

**Ordni dwar Delegazzjoni ta' Funzjoni lil Kunsilli Lokali (Bus Shelters)**.

Il-Kunsill Lokali Marsa qed issejjes it-talba tiegħu primarjament fuq id-dritt mogħti lill-kunsill lokali bis-saħħa tal-**Liġi Sussidjarja 363.79** intitolata "**Ordni dwar Delegazzjoni ta' Funzjoni lil Kunsilli Lokali (Bus Shelters)**".

Artikoli 3 u 4 tal-imsemmija liġi sussidjarja jipprovdu kif ġej:-

**Artikolu 3**

***Skond l-artikolu 33(1)(n) tal-Att, il-Ministru ordna li –***

***(a) it-twaqqif u s-sostituzzjoni ta' bus shelters kollha ġodda;***
***(b) il-manutenzjoni tal-bus-shelters kollha,***

***ikunu funzjoni li qegħda b'dan tiġi delegata lil kull Kunsill Lokali***

**Artikolu 4**

> ***"Skont l-artikolu 33(2) tal-Att, ir-responsabbilità għal toroq distributorji u l-partiti murija fl-Iskeda qiegħda tiġi delegata lill-Kunsill Lokali unikament għall-għanijiet kif provdut fl-artikolu 3 ta' dan l-ordni:***
>
> ***Iżda d-delega għal toroq arteri u distributorji kif imsemmi hawn aktar qabel m'għandhiex tneħħi l-awtorità konkorrenti tal-gvern ċentrali li jkun jista' jissostitwixxi bus shelters skont kif ikun meħtieġ u meta jkun hemm bżonn."***

Il-Kunsill Lokali rikorrent jikkontendi illi l-Aġenzija intimata ma tikwalifikax bħala "gvern ċentrali" kontemplat fil-liġi sussidjara imsemmija u għalhekk qed isostni illi l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta m'għandiex awtorita' konkorrenti mal-kunsilli lokali illi tissostitwixxi bus shelters, ikunu fejn ikunu, sew jekk fi triq arterja kif ukoll jekk fi triq li mhiex triq arterjali.

L-Aġenzija intimata mill-banda l-oħra tqis illi tali delega mogħtija mill-Liġi Sussidjara 363.79 "… hija proċeduralment ultra vires, partikolarment fir-rigward ta' toroq arterjali u distributorji, hekk kif se mai tali delega kellha ssir mill-Awtorita' kompetenti, igifieri l-Awtorita' tat-Trasport f'Malta taħt Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux taht il-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta." Tissottometti wkoll l-Aġenzija intimata illi mhux permissibbli li awtorita' pubblika bħal ma hu Kunsill Lokali, li jeżerċita poter bis-saħħa ta' liġi sussidjarja li ma ġiex lilha mogħti fl-Att kostituttiv. Tqis pero' l-Aġenzija intimata illi anke jekk tali delega lill-kunsilli lokali hija in regola, l-Gvern Ċentrali għandu kull dritt li jissostitwixxi bus shelters skond kif meħtieġ liema awtorita' l-Gvern Ċentrali investiha fl-Awtorita' għat-Trasport f'Malta tramite Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Il-Kunsill rikorrent jissottometti illi l-aġenzija intimata ma tikwalifikax bħala parti mill-Gvern Ċentrali u allura ma tistax tagħmel tagħha is-setgħa mħollija f'idejn il-Gvern Ċentrali bil-proviso tal-Artikolu 4 tal-liġi sussidjarja imsemmija.

Jirriżulta illi fis-sena 2018 ġie promulgat l-**Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta** (**Kapitolu 588 tal-Liġijiet ta' Malta)** li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Settembru 2018[1] liema liġi waqfet l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta u tatha setgħat wiesgħa u esklussivi fir-rigard tat-toroq f'Malta u l-kostruzzjoni tagħhom.

Skond l-**Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595 tal-Liġijiet ta' Malta**) l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta hija korp imsemmi fir-Raba' Skeda ta' dak l-att li jiddeskrivi aġenzija bħax-xorta ta' l-intimata bħala "Aġenzija tal-Gvern" jew "aġenzija". L-istess att jiddefinixxi il-frażi "amministrazzjoni pubblika" bħala "il-Gvern ta' Malta inklużi l-ministeri u d-dipartimenti tiegħu, il-korpi speċjalizzati u l-aġenziji, l-entitajiet tal-Gvern, il-kummissjonijiet u l-bordijiet imsemmija f'dan l-Att;" (sottolinear tal-Qorti). Għalhekk il-Qorti tqis li almenu sal-livell ta' prima facie jidher li l-aġenzija intimata tagħmel parti mill-amministreazzjoni pubblika u konsegwentement is-setgħat lilha mogħtija huma parti mis-setgħat tal-Gvern Ċentrali.

Pero' jidher illi l-Aġenzija intimata mhiex mogħtija il-poter li tinstalla bus shelters.

**Artikolu 7 tal-Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta - Att dwar Awtorita' għat-Trasport f'Malta** - jipprovdi illi waħda mis-setgħat tal-Awtorita' tat-Trasport f'Malgta hi:-

> (l) li tippjana, tistalla, tibni u tieħu ħsieb bus stops, farestages, vened tal-karrozzi tal-linja, taxi stands, stands tal-karrozzini u faċilitajiet oħra għall-passiġġieri, u li tirregola l-istallazzjoni ta' xelters tal-linja;

[1] Ara Avviżi Legali nri. 290/18 u 309/18.

Jidher għalhekk, almenu fuq livell prima facie, li lanqas l-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta ma hi mogħtija id-dritt li tinstalla "xelters tal-linja" iżda biss li tirregolhom. Donnu li s-setgħa li tinstalla "bus shelters" hija setgħa delegata esklussivament lill-kunsilli lokali.

Il-pretensjoni tal-Aġenzija intimata illi d-delega mogħtija lill-kunsill lokali dwar il-bus shelters bis-saħħa tal-Liġi Sussidjarja 363.79 hija proċeduralment *ultra vires* ma tistax tiġi meqjusa bħala fondata fi proċeduri għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Id-delega qegħda hemm bis-saħħa ta' liġi sussidjarja. Sakemm il-liġi sussidjarja de quo għadha in vigore il-kunsill lokali rikorrent għandu d-dritt iressaq pretensjoni imsejsa fuq tali liġi sussidjarja in sostenn tat-talba tiegħu għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

Kuntrarjament għal dak sottomess mill-aġenzija intimata, il-liġi sussidjarja in diżamina ma tagħmel l-ebda limitazzjoni dwar is-setgħat mogħtija lill-kunsilli lokali fir-rigward ta' toroq arterjali. Għall-kuntrarju artikolu 4 fuq ċitat ma jħalli l-ebda dubju illi l-ħsieb wara l-liġi sussidjara de quo kien li d-delega lill-kunsilli lokali fir-rigward ta' bus shelters tinkludi "toroq arterji u distributorji".

L-unika limitazzjoni li tali liġi sussidjarja tagħmel fil-konfront tal-poteri hekk delegati lill-kunsilli lokali hi illi fejn si tratta ta' "sostituzzjoni" ta' bus shelters, u allura mhux ukoll fit-twaqqif tagħhom, il-kunsilli lokali għandhom setgħat konkorrenti mal-gvern ċentrali li baqa' bis-setgħat li wkoll ikun jista' jissostitwixxi bus shelters ġia eżistenti b'oħrajn.

Il-Qori tqis illi sakemm il-validita' ta' liġi sussidjarja ma tiġiex b'suċċess kontestata fi proċedura appożita, li ma hiex dik odjerna, tali liġi sussidjarja hija applikabbli u enforzabbli. Għalhekk il-Qorti tqis illi prima facie jidher li l-Kunsill Lokali Marsa għandu l-jedd minnu vantat u ċioe' l-poter esklussiv li jinstalla ossia jwaqqaf bus shelters fit-toroq kollha li jaqgħu fil-lokalita' minnu amministrata,

inkluż fit-toroq arterjali u distributorji, filwaqt li b'mod konkorrenti mal-Gvern Ċentrali għandu s-setgħa li jissostitwixxi bus shelters ġia eżistenti. Tali setgħa konkorrenti pero' ma jidhirx li l-kunsilli lokali jaqsmuha mal-aġenzija intimata li ma jidhirx li ingħatat setgħat fir-rigward ta' bus shelters.

Għalhekk qed jirriżulta mad-daqqa t'għajn illi l-installazzjoni / sostituzzjoni ta' bus shelter mill-Aġenzija intimata jista' f'kawża eventwali jitqies kif qed jikkontendi l-kunsill rikorrent bħala użurpazzjoni illegali tas-setgħa delegata ex lege lill-kunsill lokali. Naturalment jekk il-kunsill lokali rikorrent għandux raġun fir-rigward ma hux mertu ta' dawn il-proċeduri iżda l-mertu ta' kawża eventwali fil-mertu. Kif intqal diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana, l-akkoljiment ta' talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni m'għandux neċessarjament jitqies li talba fil-mertu ser tiġi akkolta; kif daqstant ieħor m'għandux jitqies illi ċ-ċaħda ta' talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni m'għandux jitqies li talba fil-mertu hi neċessarjament infondata.

Il-Qorti tqis illi fuq il-bażi prima facie l-Kunsill Lokali rikorrent wera li għandu pretensjonijiet li jimmeritaw skond il-liġi li jiġu protetti bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Il-Kunsill Lokali rikorrent, qua Gvern Lokali, qed iqis illi bl-azzjoni tagħha l-Aġenzija intimata qed tużurpa l-funzjonijiet tal-Kunsill Lokali rikorrent. Jekk il-Kunsill Lokali rikorrent għandux raġun jew le dwar tali pretensjoni ma hux ser jiġi deċiż fil-proċedura odjerna li l-iskop tagħha huwa limitat dwar jekk jirriżultawx l-estremi għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

Fil-fehma tal-Qorti l-Kunsill Lokali rikorrent irnexxielu jipprova sal-livell ta' *prima facie* illi huwa għandu jedd x'jipproteġi bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni u li jeħtieġ il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex tali jedd ma jintilifx irrimedjabbilment. Il-Qorti tqis ukoll illi l-preġudizzju li l-Kunsill Lokali rikorrenti jista' jsofri jekk il-mandat mitlub ma jinħariġx huwa ferm akbar mill-preġudizzju li l-Aġenzija intimata tista' ssofri jekk tali mandat jinħareġ.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' definittivament ir-rikors tal-Kunsill Lokali Marsa tad-29 ta' Marzu 2021 u tordna n-notifiki skond il-liġi.

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għas-sentenza fil-kawża eventwali dwar il-mertu.

**Mogħti kameralment illum 13 ta' April 2021.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**